Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10806 – BROADCOM / VMWARE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 442/07)

1. Fil-15 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Broadcom, Inc. ("Broadcom", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— VMware, Inc. ("VMware", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Broadcom se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' VMware kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Broadcom hija kumpanija tat-teknoloġija li tfassal, timmanifattura, u tipprovdi firxa wiesgħa ta' semikondutturi u soluzzjonijiet ta' software infrastrutturali.

— VMware hija attiva fis-software tal-IT inkluż il-virtwalizzazzjoni u t-teknoloġiji relatati tal-ġestjoni tal-ammont ta' xogħol għaċ-ċentri tad-*data* u l-ambjenti tal-cloud computing, l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet, u l-ġestjoni tal-punt tat-tmiem.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10806 – BROADCOM / VMWARE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").